# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1944/00 AJD*

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

George Mercieca

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sittax il-lira Maltin u tmenin centezmu (Lm16.80), kwantu ghal erbatax il-lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm14.61) Royalty u zewg liri Maltin u dsatax il-centezmu (Lm2.19) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 9647 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Regina Bar, ghall-perijodu mis-6 ta' Awissu, 2000, sal-5 ta' Awissu, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2000, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sittax il-lira Maltin u tmenin centezmu (Lm16.80) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR